~~hak u tirtogħod. Hu kien qed ikellem lill-ħbieb tiegħu fuq rivelazzjoni, fuq tiġriba mitmuma. Bil-ħass ħażin kienu jaqgħu wieħed fuq l-ieħor.~~

~~U ġara li għodwa waħda huma saru kollha slaten. Hemm fejn it-tapizzeriji ta' lewn aħmar dagħmi, reġgħu ntrefgħu fuq id-djar u n-nofs ta' nhar kollu fejn huma resqu mm-naħa tal-ġenb tal-ġonna tal-palm.~~

## ~~ŻGĦORIJA~~

~~Fil-bosk hemm għasfur; l-għanja tiegħu twaqqfek u tħammarlek wiċċek.~~

~~Hemm arloġġ li ma jdoqqx.~~

~~Hemm ċattra, bejta ta' bhejjem bojod.~~

~~Hemm kattidral nieżel u għadira tielgħa.~~

~~Hemm karrozza żgħira mitluqa fil-bosk, jew xi ħadd nieżel jiġġerra fis-sqaq imżejjen biż-żagarelli.~~

~~Hemm tajfa ta' kummidjanti żgħar lebsin il-kostumi, daqqa t'għajn fuq il-mogħdija li taqsam ix-xifer tal-bosk.~~

~~U fl-aħħarnett hemm xi ħadd jiġġerra warajk meta jkollok il-għatx jew il-ġuħ.~~

## LEJLA TA' L-INFERN

Jiena blajt belgħa semm kif imiss—imbierek għal mitt darba l-parir li wasalli—imsarni qed jaħarquni. Il-ħruxija tas-semm qed tgħawwiġli ġismi kollu, tkerrahni u ġġarrafni. Qed immut bil-għatx, qed nifga, ma nistax ngħajjat. Dan l-infern, l-uġigħ etern. Araw in-nar kif qed jitla'! U jien ġmieli qed ninħaraq! Mur, xitan.

.................................................................................................

.................................................................................................

Iskot, iskot inti... hawnhekk kollox għajb u ħtija. Satana li jgħid li n-nar hu moqżież u l-għadab tiegħi belhieni... Biżżejjed... għiltijiet li joħorġu man-nifs, sħarijiet, fwejjaħ ħżiena, mużika taċ-ċajt. U taħseb u tgħid li jiena għandi l-verità, li jiena għandi l-ġustizzja: u għandi fehma tajba u qawwija u ninsab

lest għall-perfezzjoni... kburija. — Il-ġilda ta' rasi tqarqċet. Hniena! Mulej, qed nibża'. Jien bil-għatx, iva bil-għatx! A! Iż-żgħorija, il-ħaxix, ix-xitla, l-għadira fuq il-ħaġar, id-dawl tal-qamar meta l-arloġġ kien qed idoqq tnax... ix-xitan fuq l-arloġġ din is-siegħa. Marija! Xbejba Mqaddsa! Il-ħluha tiegħi twaħħaxni.

---

## LILL-WIED TAL-LUNZJATA, GĦAWDEX

*Kelli nerġa' narak, Wied, fejn jitgeddes*
*Daqsxejn ta' maqdes ma' ġenbejn il-blat;*
*Fejn sarbut ilma jserrep, u b'għanjitu*
*Jagħleb tad-dinja s-sejħa wil-frugħat.*

*Is-sliem għalik! Minn ġenb għal ieħor, l-għana*
*Jimla, jidwi, fin-nir tas-sema jdub:*
*Tgħanni n-nixxiegħa qalb il-qasab; igħannu*
*L-għasafar u l-werżieq qalb il-ħarrub.*

*Kelli nerġa' narak, ġenna ta' ħdura,*
*għaġeb mistur tal-wita u tal-għoljiet:*
*Minn meta rajtek l-aħħar, mewġa kiefra*
*Għal ftit ma ħakmitnix, ja ħelu Wied!*

*Inħsilt bid-dmugħ; b'għaraq il-hemm fuq ġbini*
*Ma kienx fadalli ħlief il-krib u t-talb;*
*Intlift fix-xagħri fejn il-biki jsaltan,*
*Intlift fid-dlamijiet ta' swied il-qalb.*

*Iżda dik l-Id li minn bejn snien il-ħuta*
*Harġet lil Ġona wara tlitt ijiem*
*Riedet tiġbidni lejn id-dawl u l-beraħ,*
*Warrbet minn xfar għajnejja żlieġ it-tmiem,*

*U fi ħdanek ħanin, ja Wied is-Seħer,*
*Riedet titfagħni; mbierka tkun dik l-Id,*
*Għax bl-għaġeb ta' sbuħitek, ġewwa qalbi*
*Inħoss l-għana bħal bir, ifur mill-ġdid.*

Għawdex, 4. 8. 48. ĠORĠ ZAMMIT.